MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Numru 752/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvette Farrugia**
v

**RONALD CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RONALD CUTAJAR** ta' erbgha w ghoxrin sena bin John u Mary nee Camilleri, imwieled Pieta` nhar is-sitta ta' Awissu 1978 u residenti Block 5, Flat 5, Triq Sir Temi Zammit, Tarxien jew 7, Sqaq San Mikiel, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` numru 365378M gie imressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli f'xi data qabel l-erbatax ta' Awissu 2002 gewwa l-ufficju tal-Metallic Garage li jinsab fiz-Zona Industrijali ta' Hal Luqa, ikkommetta serq ta' cekkijiet bin-numru 570, 571 u 572 tal-Bank of Valletta ghad-dannu ta' John u Anna Maria Busuttil liema serq hu aggravat bil-persuna;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa u cioe tlett cekkijiet bin-numru 570, 571 u 572 mehuda jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom ghad-dannu ta' John u Anna Maria Busuttil;

3. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-erbatax ta' Awissu 2002, jew f'xi data qabel din d-data, ghamel falsifikazzjoni f'cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-erabtax ta' Awissu 2002 jew f'xi data qabel din d-data, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew f'xi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' John u Anna Maria Busuttil fuq cekk tal-Bank of Valletta u talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza;

5. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-erbatax ta' Awissu 2002 jew f'xi data qabel din d-data, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz je billi nqeda b'qerq iehor jew ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta'

krediti immaginarji jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' John u Anna Maria Busuttil.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u ghoxrin ta’ Awissu 2003 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH 1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat s-segwenti qabel ma ghaddiet biex tara liema hija l-piena idoneja.

Semghet lil Probation Officer tal-imputat u cioe lil John Testa jghid li huwa kien gie nominat minn Qorti ohra diversament preseduta bhala probation officer tal-imputat u dan b’sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat f’Ottubru tas-sena 2003.

Illi skond l-stess probation officer, l-imputat qieghed jaghmel progress u cioe` li hu qabad it-triq tajba tant li

llum qed jahdem b'mod regolari u l-impjieg tieghu huwa registrat mal-ETC.

Rat ukoll li l-imputat fil-fatt qed izomm l-appuntamenti moghtija lilu mill-probation officer.

Rat li l-imputat ghandu problema tad-droga u li din il-problema qed tigi indirizzata bl-ghajnuna tal-stess probation officer u l-ko-operazzjoni tal-istess imputat.

Il-Qorti qiset l-ammissjoni bikrija tal-imputat liema ammissjoni ghamel sabiex in il-kawza tigi deciza fi zmien qasir bla telf ta' hin prezzju ghal Qorti.

Rat il-fedina penali netta tal-imputat u ghalhekk l-imputat ghandu jigi trattat bhala *a first time offender*.

Ghaldaqstant il-Qorti fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi ma thossx li ghandha taghti piena karcerarja.
**Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 167, 183, 261(d), 274, 334, 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk** il-Qorti wara li qieset dawn ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz **tiddeciedi billi tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin u ghal dan il-ghan tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Probation Services Limited li l-imputat diga jinsab taht ordni ta' probation ma' probation officer iehor u ghaldaqstant thoss li l-probation officer li ghandu l-imputat f'dan il-kaz ghandu jkun l-stess wiehed u taghmel bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-ordni probation il-kundizzjoni li l-imputat ghandu jindirizza l-problema tieghu tad-droga u dan bl-ghajnuna tal-stess probation officer li se jigi nominat ghal dan il-ghan.**

**Il-Qorti tordna lil probation officer tressaq lil imputat quddiemha darba kull sitt xhur u dan sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni sabiex issegwi l-andament tal-stess imputat.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tigi kommunikata lid-Direttur tal-Probation Services Limitied.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------